MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ALBERT J. MAGRI

Seduta tal-5 ta' Settembru, 2000

Rikors Numru. 2904/2000/1

**Teresa Vella, ghan-nom tas-Socjeta Michael Vella & Sons Limited**

**kontra**

**Renato Caruana.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Raymond u Pauline mizzewgin Agius tal-24 t'Awissu, 2000;

Rat id-digriet taghha tal-25 t'Awissu, 2000;

Rat ir-risposta tas-Socjeta' Michael Vella & Sons Limited;

Rat l-artikolu 279 tal-Kap 12, abbinat mal-artikolu 846(1) tal-istess;

Rat l-artikolu 836 tal-Kap 12;

***Ikkunsidrat:***

Li r-rikorrenti konjugi Agius ma humiex il-persuni li kontra taghhom inhareg il-Mandat li bis-sahha tieghu nqabdu l-oggetti li huma jghidu li kisbu minghand id-debitur eskutat Renato Caruana;

Minbarra dan, huma qeghdin jitolbu r-rilaxx tal-oggetti hekk maqbuda u mhux provvediment dwar il-validita' tal-Mandat;

Li, apparti mil-kwestjoni ta' jekk in-negozju bejn Caruana u r-rikorrenti kienx maghmul b'xi ghan li jxejjen il-jeddijiet tal-kreditur eskutant, jibqa' l-fatt li r-rikorrenti m'humiex parti fl-Atti tal-istess Mandat, u ghalhekk l-ebda wiehed mid-disposizzjonijiet tal-ligi ta' procedura fuq imsemmija ma jista' jkun applikat minnhom;

Li, kif qalet din il-Qorti f'sentenza moghtija fit-18 ta' Ottubru 1999, fil-kawza fl-ismijiet "General Workers Union vs Malta International Airport plc et" (Citazz. 2129/99 AJM), il-procedura applikabbli ordinarjament biex jintalab provvediment dwar att kawtelatorju mahrug f'kaz li ma jikkonkorrux l-elementi specifici tal-art. 836, hija bil-mezz kontemplat fl-art. 161(1) tal-Kap 12, jigifieri permezz ta' Citazzjoni;

Illi t-talba tar-rikorrenti ma tinkwadrax ruhha f'wahda minn dawk l-istanzi kontemplati fl-artikolu 836 tal-Kap 12. Anke kieku dan kien il-kaz, dak l-artikolu ma jistax jigi wzat mir-rikorrenti billi huma m'humiex "l-intimat li jkun inhareg l-att kawtelatorju kontrih";

Rat l-art 164(1) tal-Kap 12, li jispecifika tassativament l-effett ta' att li ma jkunx konformi mal-forma preskritta mil-ligi;

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tiddeciedi li l-procedura mehuda mir-rikorrenti m'hix dik mahsuba fil-ligi, u, bla pregudizzju ghal kull jedd iehor li huma jistghu jkollhom ghar-rigward, qeghda tichad it-talba taghhom bl-ispejjez.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------